

**RETTIFIKA**

**Rettifika għar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2009, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 303 tad-9 ta' Novembru 2010)*

(2010/C 334/02)

Paġni 158 u 159, l-Anness 6.4 jinbidel bit-tabella:

IS-SEGWITU TA' OSSERVAZZJONIJIET PREĊEDENTI GĦALL-GĦAJNUNA ESTERNA, L-IŻVILUPP U T-TKABBIR

L-Osservazzjoni tal-Qorti	L-Azzjoni Meħuda	L-Analiżi tal-Qorti	Ir-Risposta tal-Kummissjoni
<b>Ir-Relazzjonijiet esterni u l-iżvilupp</b>			
1. <i>Monitoraġġ ta', u appoġġ lill-organizzazzjonijiet li huma responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE</i>			
Fir-rigward ta' kontrolli <i>ex-ante</i> , ġew osservati dgħufijiet inkluż monitoraġġ insuffiċjenti ta', u appoġġ lill-organizzazzjonijiet li huma responsabbli mill-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafi 8.22 u 8.35)	Tħejjija ta' Struzzjonijiet għall-Amministrazzjoni Finanzjarja għall-organizzazzjonijiet li jimplimentaw.	Ara r-rapport dwar il-FEI, l-Anness 4, il-filiera 2.	Il-Kitt għall-Għodda għall-Amministrazzjoni tal-Finanzi tal-EuropeAid għall-organizzazzjonijiet li jimplimentaw se jiġi finalizzat u ser isir disponibbli matul l-2010.
2. <i>Il-pagamenti ta' sostenn mill-Baġit</i>			
Fir-rigward ta' kontrolli <i>ex-ante</i> , ġew osservati dgħufijiet fil-każ ta' pagamenti ta' sostenn mill-baġit fil-proċessi tal-verifika tat-twertiq ta' kondizzjonijiet ta' pagament.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.22)	Għarfien mifrux fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni tal-ħtieġa li jiġi żgurat approċċ aktar strutturat u aktar formali meta jiġu valutati l-pagamenti għas-sostenn tal-baġit, inkluż it-tisħiħ tar-rwol tal-verifikazzjoni mill-persunal tal-finanzi u l-kuntratti fil-proċess tal-approvazzjoni tal-ħlas.	Ara r-rapport dwar il-FEI, l-Anness 4, il-filiera 9.	Il-EuropeAid se jindirizza din il-kwistjoni matul ir-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-Appoġġ Baġitarju u l-istħarriġ tal-proċess ta' stħarriġ bejn il-pari għal proposti ta' azzjoni (Grupp ta' Sostenn għall-Kwalità), ipplanati għall-2011.
3. <i>Is-sistema ta' verifiki esterni</i>			
Fir-rigward tal-użu ta' verifiki esterni, wieħed mill-aktar komponenti importanti tal-qafas ta' kontroll intern tal-EuropeAid, il-Qorti nnutat titjib fil-proċessi. Madankollu hija tikkonkludi li dawn il-kontrolli għadhom ġeneralment parzjalment effettivi.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafi 8.23 u 8.24)	Riformi introdotti mill-2007 għall-metodoloġija tal-verifika fis-seħħ, flimkien ma' reviżjoni sostanzjali tal-metodoloġija tal-pjan ta' verifika annwali.	Ara r-rapport dwar il-FEI, l-Anness 4, il-filiera 3.	Il-Kummissjoni taqbel li saru titjibiet sostanzjali fil-proċess ta' pplanar tal-verifika.
4. <i>Proċessi ta' Ġestjoni tar-Riskju</i>			
Il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju nstab li kien parzjalment effettiv.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.23)	Tkomplija tal-isforzi biex jiżdied l-għarfien tal-proċess tal-ġestjoni tar-riskju.	Il-proċess tal-ġestjoni tar-riskju ġie evalwat bħala ġeneralment effettiv.	Il-metodoloġija tal-amministrazzjoni tar-riskju tal-EuropeAid ġiet riveduta għal kollox fl-2009 u saru sessjonijiet obbligatorji ta' taħriġ ta' sensibilizzazzjoni għall-unitajiet kollha.

L-Osservazzjoni tal-Qorti	L-Azzjoni Meħuda	L-Analiżi tal-Qorti	Ir-Risposta tal-Kummissjoni
5. <i>Il-kontrolli Ex-post</i>			
Ġew identifikati nuqqasijiet importanti fir-rigward tal-komponent tal-kontrolli ex-post tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-DG RELEX sabiex tiġi żgurata r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.25)	Monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet annwali għal kontrolli ex-post.	Minkejja l-isforzi u l-progress li saru s'issa, għad fadal dgħufijiet sinifikanti li jridu jingħelbu.	Id-DĠ RELEX qed jieħu miżuri sabiex jindirizza r-rakkomandazzjonijiet kollha li rċieva fir-rigward tal-kontrolli ex-post.
<b>It-Tkabbir</b>			
6. <i>IAC</i>			
Ġie osservat li l-programm multiannwali tal-IAC ma kienx żviluppata b'mod suffiċjenti.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.27)	IAC fl-2009 żviluppa programm multiannwali tal-attivitàjiet tiegħu.	Il-Qorti tqis li din l-osservazzjoni ġiet indirizzata kif dovut mid-DĠ ELARG.	
7. <i>Kontrolli Ex-post ta' proġetti ġestiti b'mod ċentrali</i>			
Ġie osservat li d-DĠ ELARG ma kellux strateġija speċifika għall-kontrolli ex-post ta' proġetti ġestiti b'mod ċentrali.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.27)	Matul l-2009, id-DĠ ELARG żviluppa strateġija għall-kontroll ex-post ta' proġetti ġestiti b'mod ċentrali.	Il-Qorti tilqa' l-inizjattiva tad-DĠ ELARG, iżda l-istrateġija l-ġdida se tiġi implimentata biss fl-2010 u għadha trid tiġi ppruvata l-effettività tagħha.	L-implimentazzjoni tal-istrateġija l-ġdida bħalissa qed turi l-ewwel riżultati pożittivi tagħha.
8. <i>Possibbiltà ta' irregolaritajiet fil-ġestjoni ta' fondi tal-Phare minn żewġ aġenziji implimentattivi fil-Bulgarija</i>			
Ġie nnutat li għad hemm dgħufijiet fundamentali fir-rigward ta' irregolaritajiet potenzjali fil-ġestjoni ta' fondi tal-Phare minn żewġ aġenziji implimentattivi fil-Bulgarija.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.28)	Matul l-2009 u wara azzjonijiet korrettivi mill-awtoritajiet Bulgari, id-DĠ ELARG neħħa s-sospensjoni ta' pagamenti lill-Bulgarija.	Id-DĠ ELARG għad irid jiddedika attenzjoni speċjali għas-segwitu tal-implimentazzjoni tal-fondi ta' wara l-adeżjoni tal-Bulgarija.	L-implimentazzjoni fil-Bulgarija tal-fondi ta' wara l-adeżjoni se tibqa' tingħata l-attenzjoni speċjali meħtieġa sakemm jintemmu l-programmi kollha.
<b>L-Għajnuna Umanitarja</b>			
9. <i>IAC</i>			
Fl-2008, l-IAC kien għadu ma joperax fil-kapaċità kollha tiegħu minħabba t-trasferiment tal-attivitàjiet mill-IAC tal-EuropeAid.  (Ir-Rapport Annwali 2008, il-paragrafu 8.29)	Matul l-2009, l-IAC kellu ammont adegwat ta' persunal u kien qed jimplementa programm ta' ħidma għal sena sħiħa.	L-IAC ta' DĠ ECHO qed jiffunzjona kif suppost u qed jipprovi assigurazzjoni lid-Direttur Ġenerali tad-DĠ ECHO."	